MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 8/2005

Kawza fil-lista: 2

**Brian Godfrey Bartolo**
**Vs**
**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Brian Godfrey Bartolo fil-21 ta' Frar 2005 li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

Illi hu kien gie processat u finalment is-sentenza tieghu konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Novembru, 2002. Illi huwa qed jadixxi din il-Qorti minhabba vjolazzjoni tal-fair trial li ghandu dritt ghalih skond l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem.

Il-fatti fil-qosor.

L-esponenti flimkien ma’ ohrajn kien tressaq quddiem il-qrati kriminali akkuzat bl-importazzjoni ta’ droga. Meta gie quddiem il-Qorti Kriminali, wiehed mill-akkuzat, kompartecipi kompletament mieghu fl-istess atti u li ghandu nstabet id-droga, ammetta l-akkuzi tieghu kollha, identici ghal dawk tal-esponenti, u gie kkundannat 8 snin prigunerija u multa konvertibbli f’sitt xhur habs. Gurnali kkummentaw li din kienet piena hafifa, u kien hemm ukoll xi kummenti mill-ufficjali tal-pulizija. Ftit granet wara kien hemm il-kaz tal-ko-imputati l-ohra, u dakinhar l-esponenti nforma li kien se jammetti. Appena dahal fl-awla, l-Imhallef li kien qed jippresjedi, hekk kif ra l-gurnalisti tahom hasla, u qalilhom li mhumiex gustifikati, u kliem simili. Naturalment xejn ma kien verbalizzat, imma kemm l-avukat sottoskritt u kemm Dr Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni dan id-diskors semghuh. Il-kritika halliet l-effett taghha, ghaliex meta gie biex jikkundanna lill-esponenti dik il-Qorti qalet li ma kenitx marbuta mal-kaz precedenti, ta’ ko-akkuzat, akkuzat bl-istess akkuzi u bl-istess partecipazzjoni jekk mhux aghar, u l-unika raguni li ngiebet kienet li l-esponenti messu ammetta mal-ewwel gurnata u mhux qaghad jaghmel il-kalkoli. Zewg imputati ohra ma ammettewx. L-esponenti gie kkundannat 10 snin u multa konvertibbli b’sena habs, sentejn u nofs differenza minn ta’ qabilha. Zewg imputati ohra gew gudikati wara granet, u l-piena taghhom kienet ferm icken, minkejja li ammettew fit-tielet seduta.

Fis-sentenza tal-esponenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali intqal, naturalment, li ma kienx hemm prova ta’ din l-allegazzjoni. Fl-appell mill-guri, il-provi huma dawk verbalizzati jew registrati. Imma l-verita’ hija din li qed tinghad hawn fuq.

L-ilment tal-esponenti huwa bazat fuq il-fatt li meta l-konvenzjoni titkellem fuq tribunal imparzjali u indipendenti, u l-Kostituzzjoni titkellem fuq Qorti imparzjali u indipendenti, t-tnejn iridu jfissru li l-gudikant ma jkunx influwenzat b’fatturi esterjuri ghall-process, inkluzi l-

gurnali. Hu mistenni li l-imhallfin jaqraw il-gurnali, imma hekk hu mistenni mill-gurati li jnehhu minn mohhom kull ma jkunux qraw, dan japplika multo magis ghall-gudikant togat, li bir-reazzjoni tieghu u bl-agir tieghu sussegwenti deher manifestament, u mmanifesta, li l-kummenti kien kissrulu s-serenita' tal-gudizzju tieghu.

Il-gudisprudenza tal-Qorti Ewropea hija sahansitra fis-sens li ma jkunx hemm fair trial meta jkun meta pronunzjamenti minn persuni awtorevoli fuq l-imputat, u dan ghaliex potenzjalment jistghu jkollhom influwenza negattiva. Multo magis, meta l-gudikant jirreagixxi fuq sentenza li jkun ta, umbaghad johloq disparita' fit-trattament b'mod li jnehhi l-kritika minn fuqu.

Illi l-esponenti jistenna ghalhekk li ma jkunx trattat aghar minn haddiehor. Ir-rimedju ghandu jkun riduzzjoni tal-piena. Dan qed jinghad, ghaliex hu obbligu tal-awtoritajiet lokali li jaghtu rimedju effettiv, u mhux sempliciment dikjaratorju meta jkun hemm vjolazzjoni (Art 13 tal-Konvenzjoni). Il-Qorti Kostituzzjonali taghna fis-sentenza Saliba, sahansitra hassret id-dikjarazzjoni tal-htija minhabba d-dewmien, bhala rimedju effettiv.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li fil-konfront tal-esponenti fil-fatti fuq esposti kien hemm ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u dan b'riferenza ghall-fatt li ma kellux fair trial, u bhala rimedju tordna t-tnaqqis tal-piena ghal din ta' 8 snin prigunerija u multa konvertibbli f'sitt xhur prigunerija.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali, kontenenti l-eccezzjonijiet tieghu u li ghalihom qeda ssir piena riferenza;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

---

[1] Fol.7 *et seq.*

Ikkunsidrat;
Illi premezz tal-proceduri odjerni r-rikorrent qed jallega li fit-18 ta' Jannar 2001 meta l-Qorti Kriminali ppronunzjat is-sentenza fil-konfront tieghu, sehhet vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxi, inter alia, id-dritt ta' persuna akkuzata b' reat li jkollha fair trial; u dan fuq il-fatt minnu allegat li l-Qorti Kriminali fiz-zmien li tat is-sentenza fil-konfront tieghu ma kienitx tikwalifika bhala tribunal imparzjali u indipendenti fit-termini tal-artikolu precitat.

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti. Ir-rikorrent kien ko akkuzat b' reati ta' importazzjoni u traffikar ta' droga ma' persuni ohra, fosthom certu Aldo Saliba li wara li kien ammetta l-akkuzi quddiem il-Qorti Kriminali gie kkundannat piena ta' 8 snin prigunerija u multa konvertibbli f' sitt xhur habs. Illi meta fis-seduta sussegwenti, ir-rikorrent ammetta l-akkuzi kollha, li skond hu kienu identici, l-istess Qorti Kriminali presjeduta mill-istess Imhallef, ikkundannatu ghal piena ta' 10 snin u multa konvertibbli f' sena habs.

Illi r-rikorrent qed jattribwixxi din id-diskrepanza fil-piena ghall-kummenti li deheru fuq il-gurnali fis-sens li l-piena li kienet inghatat lill-ewwel akkuzat kienet "hafifa", u osservazzjonijiet simili maghmula mill-Prosekutur fil-kaz, qabel ma l-Qorti ghaddiet biex tghati s-sentenza fil-konfront tar-rikorrent. Dan qed jsostni li l-Imhallef kien indebitament influwenzat minn dawn il-kummenti, u li din il-"kritika halliet l-effetti taghha" bir-rizultat tad-diskrepanza fil-piena kif fuq spjegat. Huwa ressaq in sostenn ta' din it-tesi tieghu l-fatt li qabel ma ghadda ghas-sentenza l-Imhallef hass li kellu jcanfar kemm lil gurnalisti prezenti fl-awla kif ukoll lill-istess Prosekutur ghal-kummenti li kienu ghaddew.

Illi sussegwentement ghas-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrent fit-18 ta' Jannar 2001 "Zewg imputati ohra gew gudikati <u>wara granet</u>, u l-piena taghhom kienet ferm icken, minkejja li ammettew fit-tielet seduta".[2] Fin-nota

[2] Rikors fol.1 – sottolinear tal-Qorti.

tieghu l-Avukat Generali qal li fil-fatt il-piena nflitta lill-ko akkuzat John Bartolo b' sentenza tal-14 ta' Frar 2001 kienet ta' 4 snin u nofs u Lm2000 multa.[3]

Illi b'sentenza moghtija fl-14 ta' Novembru 2002, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appelli Kriminali, li nvestiet ukoll il-punt sollevat quddiemha tal-fair trial, ikkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-konfront tar-rikorrent u li tifforma l-bazi ta' l-ilment kostituzzjonali in disamina.

Illi din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-atti tal-kawza inkluzi in-noti ta' sottomissjonijiet esawrjenti tal-partijiet, tikkonsidera oppportuni s-segwenti osservazzjonijiet determinanti ghar-rizoluzjoni ta' dan il-kaz:-

In vena legali u b' mod <u>generali</u> jigi osservat li:

[1] Illi, ghalkemm huwa minnu li d-diskrezzjoni moghtija lill-gudikant f' qorti ta' gurisdizzjoni kriminali m' ghandhiex tigi esercitata b' mod aribtrarju izda ghandha tkun relatata mac-cirkostanzi tal-kaz u tal-persuna, u bazata fuq fondament legali; minn naha l-ohra, jibqa' dejjem spazju ghall-element soggettiv fl-esercizju ta' tali diskrezzjoni, soggettivita' esercitata mill-gudikant fil-parametri tal-ligi tenut kont ta' dak li hu legali, ragjonevoli u gust fil-kaz partikolari li jkollu quddiemu;

[2] Illi kull kaz ghandu jigi deciz fuq il-fatti specje partikolari tieghu, u kull imputat ghandhu jigi ggudikat u ssentenzjat tenut kont tan-natura u tal-grad ta' l-attivita kriminuza kommessa minnu, kif ukoll tac-cirkostanzi relatati mal-kaz tieghu bhal per ezempju, il-kooprazzjoni li huwa jkun wera mal-pulizija u jekk, u kemm, din kienet ta' beneficcju ghas-socjeta' fil-glieda taghha kontra l-kriminalita' fil-pajjiz, u cirkostanzi ohra personali ghalih. Minn dan jitnissel li huwa permissibbli fil-ligi li ko akkuzati jigu trattati b' mod differenti fil-kundanni li jkunu nghataw, u hadd ma' ghandu validament jippretendi li dak li dak li jghodd ghal wiehed minnhom necessarjament jghodd ghall-ohrajn;

[3] Nota osservazzjonijiet intimat

ghax il-gustizzja tirrikjedi l-applikazzjoni tal-ligi ghas-sitwazzjoni partikolari, u mhux b' mod generali u ndiskriminatament minghajr ma jittiehed kont tac-cirkostanzi aggravanti jew attenwanti relattivi ghal kull ko akkuzat separatament.

Illi fil-meritu jigi osservat:

[A] Illi huwa l-obbligu tar-rikorrent li jipprova dak minnu allegat, u cioe' li fl-ghoti tas-sentenza fil-konfront tieghu l-Qorti ma kienitx indipendenti u imparzjali ghax, kienet influwenzata ndebitament minn dak li kien intqal fil-medja, anke b' referenza ghal dak li qal l-Prosekutur, fuq is-sentenza li kienet inghata lill-ko akkuzat li kien ammetta fis-seduta precedenti.

F' dan ir-rigward l-bazi tal-pretensjoni tar-rikorrenti huma [1] il-kummenti espressi u pubblicizzati fil-medja; [2] ic-canfira ta' l-Imhallef, qabel ghadda ghas-sentenza, lill-istess medja u anke lill-Prosekutur, ghal kummenti taghhom; u [3] id-diskrepanza ta' sentejn u nofs fil-piena minn dik li giet moghtija lill-akkuzat Aldo Saliba.

Illi in propositu l-Qorti tosserva fl-ewwel lok, li l-fatt li saru kummenti, anke b' ton ta' kritika, fuq is-sentenza moghtija lil Aldo Saliba, anke jekk l-Imhallef hass li kellu jirreagixxi billi jcanfar l-awturi taghhom, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li fl-ghoti tas-sentenza fil-konfront tar-rikorrent huwa ma kellux dik is-serenita' mehtiega biex jiggudika b' mod oggettiv u imparzjali. Anzi, il-fatt li l-Imhallef deherlu li kellu jirreagixxi b' dak il-mod, juri bic-car li dana ma kienx lest, u b' mod apert u manifest ried juri li ma kienx lest, li joqghod passiv quddiem tali kummenti – komportament dan li jimmilita kontra l-allegazzjoni ta' pregudizzju u imparzjalita' bazati fuq influwenza indebita jew sokkombenza ghall-kritika maghmula. Din il-konsiderazzjoni hija fortifikata bil-fatt li dan ma kienx kaz ta' xi kampanja massicca fit-tul ta' pubblicita' fil-medja, izda kien kaz provokat minn artikolu li deher fuq gurnali lokali fejn, inter alia, gie kwotat dak li ddikjara l-Prosekutur dwar il-piena nflitta u d-disappunt minnu espress. Inoltre, il-fatt li ftit ta' granet wara, nghatat mill-istess Qorti

presjeduta mill-istess Imhallef is-sentenza, kontra ko akkuzat iehor b' piena ta' 4 snin prigunierija [oltre l-multa ta' Lm2,000] tkompli ddghajjef it-tesi ta' nfluwenza indebita li l-medja kellha fuq dik il-Qorti[4].

Illi finalment huwa opportun li jigi riprodott il-bran citat mill-Avukat Generali u li din il-Qorti tikkondividi l-kontenut tieghu:

"There is a general recognition of the fact that the courts cannot operate in a vacuum. Whilst they are the forum for the settlement of disputes, this does not mean that there can be no proper discussion of disputes elsewhere, be it in specialised journals, in the general press, or amongst the public at large. Furthermore, <u>whilst the mass media must not overstep the bounds imposed in the interest of proper administration of justice</u>, it is incumbent on them to impart information and ideas concerning matters that come before the courts just as in other areas of public interest. Not only do the media have the task of [imparting] such information and ideas; the public also has a right to receive that." [European Human Rights Law – Text and Materials].[5] Jigi osservat li f' dan il-kaz ma rrizultax li l-medja oltrepassat il-limiti delineati mill-interess tal-amministrazzjoni korretta tal-ligi.

Hija opportuna wkoll, in subjecta materia, l-osservazzjoni maghmula mill-Onor.Qorti tal-Appell fil-kaz odjern: "Kull gudikant ghandu access liberu ghall-gurnali u ghandu wkoll dritt li, waqt il-process, jaghmel dawk il-kummenti li jitqiesu necessarji u sahansitra jaghti dawk il-provvedimenti li jidhrilu opportuni. F' dan il-kaz, il-fatt li seta' kien hemm incident fejn saret xi osservazzjoni da parti tal-prosekutur fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2001 u li dwarha kkumentat il-Qorti l-ghada qabel ma nghatat is-sentenza, u ghal liema osservazzjoni l-istess prosekutur aplogozza, ma jfissirx li fl-ghoti tal-piena l-Qorti kienet influwenzata minn xi rapporti fil-gurnal."

---

[4] Ghalkemm ma rrizultax mill-atti li l-akkuzi fil-konfront ta' dan kienu identici jew simili ghal dawk tar-rikorrent
[5] Janice K and Bradley – sottolinear tal-Qorti.

Illi fit-tieni lok, jigi osservat li, ghalkemm fir-rikors tieghu r-rikorrent sostna li l-akkuzi "kienu kollha identici" bhal dawk ta' l-imsemmi Aldo Saliba, fil-fatt ma ngabet ebda prova li s-sitwazzjoni ta' dawn iz-zewg imputati kienet identika. Anzi minn qari tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali jirrizulta li, fost il-motivazzjonijiet moghtija mill-Qorti Kriminali dwar il-piena, hemm differenza fis-sens li, filwaqt li Aldo Saliba ddikjara li huwa kien lest li jaghti d-depozizzjoni guramentata tieghu bhala xhud tal-prosekuzzjoni kontra l-persuni l-ohra li kienu ko-akkuzati mieghu, dan il-fattur huwa mankanti fil-konfront tar-rikorrent. Ghalhekk anke fuq dan il-punt biss, il-posizzjoni legali ta' dawn iz-zewg akkuzati qabel l-ghoti tas-sentenza kienet differenti.

Inoltre l-istess Qorti ta' l-Appell osservat li l-kooperazzjoni eccepita mir-rikorrent ma kienitx tidhol fit-termini tal-Artikolu 29 Kap.101 stante li "mhux biss ma kellha x' taqsam xejn ma dan il-kaz izda li ma waslet imkien peress li kienet nieqsa minn dettalji precizi li seghtu jkunu ta' ghajnuna lill-Pulizija."[6] Fi kliem iehor, l-informazzjoni li nghatat ma kienitx ta' ghajnuna effettiva li setghet tghin lil pulizija fix-xoghol investigattiv taghha dwar traffikar ta' droga.

Illi fit-tielet lok, u kif korrettament sottomess mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, il-kaz tar-rikorrent kien gie ezaminat mill-imsemmija Qorti ta' l-Appell Kriminali kollegjalment komposta, fejn gie sollevat ukoll l-aggravju tal-ksur tal-principji tal-fair trial, u dik il-Qorti, filwaqt li osservat li dan ma kienx jirrizulta, u wara li osservat li l-piena inflitta fuq Aldo Saliba kienet "miti wisq", ikkonfermat is-sentenza appellata. Fil-konfront tar-rikorrent dik l-Qorti osservat ukoll li "Fis-sentenza taghha l-Qorti [Kriminali] kienet <u>cara hafna</u> dwar liema kienu l-konsiderazzjonijiet li wassluha biex taghti l-piena li hija waslet ghaliha…."[7] Il-motivazzjoni dettaljata tas-sentenza f' dan ir-rigward jimmilita serjament kontra t-tesi li d-decizjoni tal-Qorti

[6] Fol.14
[7] pg.10

kienet wahda arbitrarja u nfluwenzata minn fatturi estranei u minghajr fondament legali.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li l-vjolazzjoni ta’ dritt kostituzzjonali sollevata mir-rikorrent ma tirrizultax provata.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------